QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D

PULIZIJA
(Spettur Malcolm Bondin)

kontra

JASON MAMO
(ID 413678(M))

Kaz Nru.: 4/2016

**Illum, 18 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Jason Mamo,** ta' sebgha u tletin (37) sena, iben il-mejjet John u Maria Assunta *nee'* Rapinett, imwieled il-Pieta', nhar il-31 ta' Awwissu, 1978, residenti gewwa *Flat* 1, Ta' Paris, Blokk B, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 413678M, senjatament akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fid-9 ta' Ottubru, 2015:

1. Importa jew gieghel li tigi mportata, jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (*Cannabis Grass*) f'Malta, bi ksur tad-

dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Importa jew gieghel li tigi mportata, jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (*Cannabis Resin*) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Importa jew gieghel li tigi mportata, jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fid-9 ta' Ottubru, 2015, u fis-sena ta' qabel:

4. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021[1] kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet ghas-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn dina l-Qorti diversament preseduta[2];

[1] Ara fol. 44 tal-atti processwali.
[2] Ara fol. 47 tal-atti processwali.

Rat u semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[3],

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2022, fejn iddikjara b'referenza ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet li mill-investigazzjonijiet kondotti minnu jirrizulta li d-droga importata kienet intiza ghall uzu personali tal-imputat[4];

Rat li l-partijiet irrimettew ruhhom ghad-decizjoni ta' dina l-Qorti;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat, il-prosekuzzjoni pproduciet bhala xhieda lill-Ispettur Malcolm Bondin; Emanuel Mifsud (Dwana); PS364 David Borg; WPC286 Therese Vella; u PC1124 Steve Borg. Gie prodott ukoll il-Profs Sinagra li analizza s-sustanzi elevati u ezebieti wara li gie mahtur ghal dan l-iskop minn dina l-Qorti (diversament preseduta) fuq talba tal-prosekuzzjoni. Mill-atti processwali jirrizulta ukoll li d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq lil PC467 Graeme Baldachino bhala xhud tal-volontarjeta' tad-dikjarazzjoni[5] rrillaxata mill-qua imputat lill-pulizija[6]. Min-naha taghha d-difiza ghazlet (hekk kif kelleha kull dritt li taghmel) li ma tressaq l-ebda prova u fil-fatt ghalqet il-kaz taghha fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2022.

Illi mill-provi pprezentati jirrizulta li nhar id-9 ta' Ottubru 2015 l-imputat gie mwaqqaf fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta wara l-inzul tieghu mit-titjira KM397 minn Amsterdam. Minn tfittxija li saret fuqu rrizulta li gol-back pack li kien qed igorr kien hemm: pakkett tas-sigaretti Rothmans li kien kontenenti qartas wiehed; 2 sealable bags kontenenti zewgt iqratas; 3 crushers bi tracci ta' haxixa tal-cannabis; 2 metal pipes; u 6 pakketti ta' rolling cigarette papers. Imbaghad fil-bagalja instabu tlett boroz allegatament bis-sustanza cannabis grass, borza allegatament bil-cannabis resin; torch b'borza kontenenti allegatament sustanza raza tal-Cannabis; u borza ohra suspettata kontenenti crack cocaine; u mgharfa mahruqa. Gol-kartiera tieghu instab l-ammont ta' flus kontanti li jammontaw ghal

[3] Ara fol. 6 tal-atti processwali.
[4] Ara fol. 56 tal-atti processwali.
[5] Esebieta a fol. 14 tal-atti processwali.
[6] Ara fol. 31 tal-atti processwali.

Eur. 3010. L-imputat gie arrestat mill-pulizija u saret ukoll tfittxija fir-residenza tieghu fejn instabet *bong*.

L-imputat irrilaxxa stqarrija lill-pulizija fl-10 ta' Ottubru 2015 fil-prezenza ta' PC467 Graehm Baldacchino. Irid jinghad li d-difiza fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma talbet ghall-isfilz tal-istess stqarrija jew inkella li dina l-Qorti tiskarta l-istess fil-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tar-reita' o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni. F'din l-istqarrija jirrizulta li l-qua imputat ddikjara li huwa kien mar gewwa Amsterdam holiday wahdu. Jispjega li huwa kellu pjanat li jibqa' ftit granet ohra gewwa Amsterdam madanakollu fil-lukanda kien iltaqa ma persuna ohra ta' nazzjonalita' Maltija li kien gie arrestat hemmhekk. Kif ra hekk huwa beza u ppakkja kollox ta' malajr u immedjatament mar l-ajruport sabiex jaqta biljett u jinzel lura lejn Malta. Fir-rigward tas-sustanzi li nstab fil-pussess taghhom, l-imputat qal li huwa kien xtrahom minn go *coffee shop* f'Amsterdam bl-intenzjoni li jikkunsmahom hemmhekk madanakollu kif sehhew l-affarijiet huwa tefa' kollox fil-bagalja u nizel b'kollox lejn Malta. Fir-rigward tal-ammont ta' flus kontanti li nstabu fil-pussess tieghu huwa jispjega li kien telgha b'ammont ta' flus kontanti minn hawnhekk madanakollu huwa gibed iktar flus gewwa Amsterdam permezz tal-visa. Fir-rigward tal-bong misjub fir-residenza tieghu huwa jispjega li dak kien tieghu u li kien qalghu bhala souvenir u juzah biex ipejjep ix-xixa tabakk mxarrab. Huwa jikkonferma li juza principalment id-droga cannabis u inqas rari l-kokaina.

Illi minn analizi tas-sustanza misjuba fil-pussess tal-qua imputat, Profs. Sinagra jikkonkludi s-segwenti:

> *"Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 128_21_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz totali tas-sustanzi kien ta' 1.32 grammi u l-purita' kienet ta' circa 11%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi that Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ahdar u tracci ta' haxix ahdar fid-dokument 128_21_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz totali tas-sustanza kien ta' 10.26 grammi u l-purita kienet ta' circa 6.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi that Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hem fid-dokument immarkat 128_21_01 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz total tat-*

*trab kien ta' 3.35 grammi u l-purita' kienet ta' circa 45%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[7]

Illi mill-provi prodotti indubbjament jirrizulta li l-qua imputat inqabad *flagrante delicto* jimporta f'Malta s-sustanzi fl-ammonti hawn fuq indikati fir-relazzjoni tal-Profs Sinagra. Illi l-ammonti hawn fuq indikati huma normalment indikattivi ta' uzu personali. Il-mod ta' kif l-imsemmija sustanzi kienu mahzuna ukoll ma kienx tali li jindika li dawn kienu intenzjonati ghall-ispalc. Fil-fatt mill-provi mressqa fil-kaz odjern ma jirrizulta li hemm l-ebda prova u/jew cirkostanza li hija indikattiva li tali ammont impurtat ma kienx ghall-uzu personali tieghu. Ghaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet kollha gew sodisfacentament pruvati bl-ewwel tlett imputazzjoni relatati mal-importazzjoni tas-sustanzi Cannabis; raza tal-Cannabis u kokajina ikunu intizi ghall-uzu personali tal-qua imputat.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern kif ukoll il-fatt li l-ammont impurtat kien intiz ghall-uzu personali tal-qua imputat, il-fedina penali tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur li l-imsemmija sustanza illecita kienet intiza ghall-uzu personali.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 8(a) u (d), 9, 15A, 22(1)(a) u (2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 4, 9 u 6 tal-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 (LS101.02), qeghda issib lill-qua imputat Jason Mamo hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' elf Ewro (Eur. 1000) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-imputat Jason Mamo sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 568.17 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni. Ai termini tas-subartikolu 533(1) l-

[7] Ara Fol. 53 tal-atti processwali.

dawn l-ispejjez dovuti jistghu jithallsu b'rati mensili ta' Eur. 56.82 fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum.

Finalment, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat (inkluz MB3) u tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga (MB2), hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu skond din is-sentenza.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur